# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Preliminari Nru 2635

Kaz Numru 3731/JG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Leibig Peggy
[Germ. Pass L2ZY09MKL] kif
rapprezentata mill-mandatarju
specjali taghha l-Avv. Ettiene A.
Calleja

u

Yield Malta Limited
(C58236)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 29 ta' Novembru, 2019

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-kwistjoni li ghandu quddiemu it-Tribunal huwa biex jiddeciedi jekk l-ittra li ggib id-data tal- 5 ta' Ottubru, 2018 mibghuta mis-Sur Mario Reitstetter bhala Direttur tal-kumpanija Yield Media Limited, fejn informa lill-impjegata Ms Peggy Leibig li l-impjieg taghha mal-kumpanija gie terminat, tikkostitwixxix id-data effettiva tal-

ksur allegat jew inkella hija d-data ta' l-4 ta' Novembru, 2018 li d-Direttur fl-istess ittra jiddeskrivi bhala d-data tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xoghol.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-kumpanija ghamlet il-kaz li hija d-data tal-5 ta' Ottubru, 2018 li ghandha tkun id-data effettiva tal-ksur allegat ghaliex l-ittra tal-5 ta' Ottubru, 2018 iggorr it-titlu ta' "Termination of Employment" u fejn l-impjegata giet informata li qed titkecca mix-xoghol.

L-istess ittra tkompli tispjega li d-data li fiha t-tkeccija sa tkun effettiva hija l-4 ta' Novembru, 2018 nikkwota " Termination is being effected on November 4$^{th}$, 2018". Il-kumpanija ghamlitha tassattiva li qed tintrabat ma' din id-data.

Meta d-Direttur, minn jeddu u mill-liberta' tieghu kollha ghamilha hekk cara fl-ittra tal-5 ta' Ottubru, 2018, li hu kien qed jistabbilixxi d-data ta' l-4 ta' Novembru, 2018 bhala d-data tat-tmiem tar-relazzjoni ta' xoghol ma' l-impjegata Ms Liebig, nerga nikkwota "Termination is being effected on November, 4$^{th}$, 2018", allura ma hemm l-ebda dubbju li l-4 ta' Novembru, 2018 kienet id-data effettiva ta' l-allegat ksur. F'dawn ic-cirkostanzi d-data ta' meta giet impustata l-ittra igifieri l-5 ta' Ottubru, 2018, ssir insinjifikanti ghall-kaz.

Il-kumpanija argumentat li d-data ta' l-4 ta' Novembru, 2018 kienet stabilita' b' "gest ta' rieda tajba" u il-fatt li employer, f'cirkostanzi infelici ta' kwistjoni ta' xoghol juri rieda tajba, ikun qed jibghat messagg pozittiv li ghad hemm tama li l-affarijiet jistghu jitrangaw fiz-zmien li fadal sat-terminazzjoni. Infatti Ms Peggy Liebig kompliet tibghat ic-certifikati tal-mard kif mitluba. Din ir-rieda tajba kien sinjal iehor li il-kumpanija kellha f'mohhha data wahda li kellha sservi bhala d-data effettiva tal- ksur allegat igifieri l-4 ta' Novembru, 2018. Barra minn hekk, il-fatt li il-kumpanija argumentat li dan ghamlitu bhala gest ta' rieda tajba, ma jnaqqas xejn mir-rabta tal-kumpanija li tonora d-data ta' terminazzjoni igifieri l-4 ta' Novembru, 2018, li stabilit hi stess.

L-ittra tal-25 ta' Ottubru telenka numru ta' aspettattivi li l-kumpanija stenniet minghand l-impjegata Ms Liebig, liema aspettattivi ma kienux jiffurmaw parti mill-ittra tal- 5 ta' Ottubru, 2018 u jidher li ghaliex dawn l-aspettattivi ma ntlahqux, id-

Direttur hass li seta' jarbitra u jhassar id-data li huwa minn jeddu u bil-liberta' tieghu kien rabat lilu nnifsu maghha jigifieri ta' l-4 ta' Novembru, 2018 u jressaq lura d-data tat-terminazzjoni ghal 25 ta' Ottubru, 2018.

Il-klawzoli tal-ligi qedin biex jiggwidaw u jirregolaw l-imgieba biex wiehed jahdem bl-ordni u mhux biex jigu uzati biex jakkomodaw reazzjonijiet li kien ikun ahjar li kieku kienu mahsuba b'aktar ghaqal.

**Decizjoni**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad l-ewwel eccezzjoni u jkompli jisma' l-kaz.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju